**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 28 ta' Ġunju 2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Nazzareno Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Nazzareno Farrugia,** iben Joseph u Josephine nee` Bellia, imwieled Mosta nhar is-7 ta' Marzu 1957 u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0217457M

Akkużat talli, nhar it-13 ta' Marzu 2023 għal ħabta ta' 15:00hrs, ġewwa Selmin limiti tal-Mellieħa, Malta

1. Waqt staġun magħluq għall-insib tal-għasafar, ħa jew prova jieħu xi għasfur u dan bi ksur ta' Reg 18(1)(c) ta' L.S. 549.42 ;
2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi ikkaċja jew prova jikkaċja, ħa jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti jekk mhux skont dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħtha bi ksur ta' Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet

**Ikkonsidrat**

L-imputat jinsab akkużat talli kien qiegħed jonsob waqt staġun magħluq għall-insib. Kif jirriżulta mill-atti, u senjatament mill-affidavit ta' PC789, PC873 u x-xhieda ta' Fiona Burrows, l-EPU kienu irċevew telefonata mingħand Fiona Burrows għal ħabta ta' 15:00 sabiex tirraporta li kien hemm

xi persuna qed jonsbu illegalment ġewwa Selmun. Burrows ħadet xi filmati li ġew esebiti fl-atti u huma mmarkati bħala Dok FB2. Meta l-uffiċjali tal-pulizija waslu fuq il-post dawn il-persuni kienu diġa telqu, iżda instab mansab armat bl-ixbiek u lasti tal-mansab mgħottija bil-ġebel.

Burrows xehdet illi hija rat persuna fid-dura li kien liebes kappell, u sussegwentement rat persuna oħra, li kien ikbar fiż-żmien, li wasal fuq il-post u beda jgħinu jżarma. Wara li eżaminat il-*footage* fis-*cd* immarkata bħala Dok FB2, il-Qorti tqis li dawn il-filmati bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala prova sodisfaċenti li l-imputat kien qiegħed jonsob. Lanqas meta tittieħed il konsiderazzjoni ix-xhieda ta' Fiona Burrows ma jista` jiġi konkluż, lil hinn minn kull dubbju raġonevoli, li l-imputat kien qiegħed jonsob fil-ħin indikat fl-akkużi. Dan għaliex Burrows stess xehdet li lill-imputat kienet ratu jmur fuq il-post u jgħin lil persuna oħra, ossia David Tanti, jżarma. Pero fl-ebda ħin ma qalet illi effettivament ratu jonsob, u l-ebda wieħed mill-filmati esebiti ma jurih jagħmel dan.

Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-imputat għandu jiġi liberat minħabba nuqqas ta' provi

**Decide**
Għal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputat mhux ħati tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu.

Ann Marie Thake
Maġistrat

Ylenia Spiteri
Deputat Reġistratur